

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: M.M.

Konvenuti: Presidenza del Consiglio dei ministri, Ministero della Giustizia, Ministero dell'Economia e delle Finanze

Domanda preliminari

L-Artikolu 288 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 17, 31, 34 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ⁽¹⁾, il-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż fis-6 ta' Ġunju 1997, li jinsab fl-anness tad-Direttiva 97/81/KE tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC ⁽²⁾, kif emendat bid-Direttiva tal-Kunsill 98/23/KE tas-7 ta' April 1998 ⁽³⁾, kif ukoll il-klawżola 4 tal-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP ⁽⁴⁾, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik prevista fl-Artikolu 29 tad-[decreto legislativo 13] luglio 2017, n. 116 ([Digriet Leġiżlattiv Nru 116 tat-13] ta' Lulju 2017), kif issostitwit bl-Artikolu 1(629) tal-Legge 30 dicembre 2021, n. 234 (Liġi Nru 234 tat-30 ta' Diċembru 2021), li jipprevedi r-rinunzja awtomatika skont il-liġi ta' kull pretenzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-imsemmija direttivi, bit-telf ta' kull remunerazzjoni, xogħol u protezzjoni soċjali oħra ggarantiti mid-dritt Ewropew:

- fil-każ tas-sempliċi preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal parteċipazzjoni minn maġistrat onorarju, bħala ħaddiem Ewropew għal żmien determinat u part-time komparabbli mal-maġistrat professjonali bħala ħaddiem Ewropew għal żmien indeterminat u full-time, fi proċeduri ta' stabbilizzazzjoni li qed jimplimentaw biss formalment il-klawżola 5(1) tal-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss, konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li huwa anness mad-Direttiva 1999/70,
- jew, fil-każ li l-proċeduri ma ntemmex b'suċċess jew ma saret ebda applikazzjoni, bl-irċevuta ta' kumpens ta' ammont manifestament mhux adegwat kif ukoll sproporzjonat għad-dannu subit għan-nuqqas ta' traspożizzjoni tal-imsemmija direttivi?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381.

⁽²⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 267.

⁽³⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 278.

⁽⁴⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rayonen sad – Burgas (il-Bulgarija) fil-25 ta' Awwissu 2022 – JD vs OB

(Kawża C-562/22)

(2022/C 424/40)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Rayonen sad – Burgas

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: JD

Konvenut: OB

Domandi preliminari

Konformement mal-Artikolu 19(3)(b) TUE, mal-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE u mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, id-dispożizzjoni legali tar-Repubblika tal-Bulgarija bħala Stat Membru, li hija inkwistjoni f'din il-kawża u li tistabilixxi, bħala kundizzjoni għall-akkwist tad-dritt ta' proprjetà fuq artijiet agrikoli fil-Bulgarija, l-obbligu ta' residenza fit-territorju tal-Istat Membru għal perijodu temporali ta' ħames snin, tikkostitwixxi restrizzjoni li tmur kontra l-Artikoli 18 TFUE, 49 TFUE, 63 TFUE u 345 TFUE?

B'mod partikolari, l-imsemmi rekwiżit għall-akkwist ta' proprjetà jikkostitwixxi miżura sproporzjonata li fil-verità tikser il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni u l-prinċipji ta' moviment liberu ta' kapital u ta' stabbiliment tal-persuni fil-kuntest [tal-Unjoni], stabbiliti fl-Artikoli 18 TFUE, 49 TFUE u 63 TFUE u fl-Artikolu 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Østre Landsret (id-Danimarka) fis-26 ta' Awwissu 2022 – A, B u Foreningen C vs Skatteministeriet

(Kawża C-573/22)

(2022/C 424/41)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Qorti tar-rinviju

Østre Landsret

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: A, B u Foreningen C

Konvenut: Skatteministeriet

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 370, flimkien mal-punt 2 tal-Parti A tal-Anness X, tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (!) għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-Istati Membri kkonċernati jimponu l-VAT fuq tariffa obbligatorja fuq il-mezzi tax-xandir intiża li tiffinanzja l-attivitajiet mhux kummerċjali ta' xandara tar-radju u tat-televiżjoni pubbliċi, minkejja l-assenza ta' "provvista ta' servizzi bi ħlas" fis-sens tal-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva?

Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda tintalab tagħti risposta għad-domandi preliminari segwenti:

2) L-Artikolu 370, flimkien mal-punt 2 tal-Parti A tal-Anness X, tad-Direttiva 2006/112/KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru jżomm il-possibbiltà li jimponi l-VAT fuq tariffa obbligatorja fuq il-mezzi tax-xandir bħal dik imsemmija fl-ewwel domanda, jekk, wara d-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Jannar 1978, tad-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (is-Sitt Direttiva) (2), dan l-Istat Membru jkun biddel is-sistema tariffarja minn impożizzjoni għall-pussess ta' apparat tar-radju u tat-televiżjoni għal impożizzjoni għall-pussess ta' kwalunkwe apparat li jista' jirċievi direttament programmi u servizzi awdjoviżivi, inkluż, fost l-oħrajn, smartphones, kompjuters, eċċ?

3) L-Artikolu 370, flimkien mal-punt 2 tal-Parti A tal-Anness X, tad-Direttiva 2006/112/KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru jżomm il-possibbiltà li jimponi l-VAT fuq tariffa obbligatorja fuq il-mezzi tax-xandir bħal dik imsemmija fl-ewwel domanda, jekk, wara d-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Jannar 1978, tad-Direttiva 77/388/KEE, dan l-Istat Membru jkun biddel is-sistema tariffarja fis-sens li parti żgħira mit-tariffa tintuża, skont id-diskrezzjoni tal-Ministru għall-Kultura,